MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 772/2006/1

**Marco u Jennifer konjugi Vella**

**vs**

**Dragonara Resort Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' Jannar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz ta' l-atturi fejn talbuh jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt Euro cents (€3,494.06) - (Lm1,500) rapprezentanti valur ta' gojjelli li kienu gew misruqa mill-kaxxaforti li kienet installata fil-kamra tal-lukanda gestita mis-socjeta' konvenuta li

kienet iggib in-numru 401 meta l-atturi kienu alloggjati fil-lukanda The Westin Dragonara Resort bejn it-23 u s-26 ta' Marzu, 2006 ghal liema nuqqas is-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli prevja okkorrendo dikjarazzjoni f'dan is-sens.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra d-dirigenti tas-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet illi l-pretensjonjiet ta' l-attrici ghandhom jigu michuda u dan stante illi l-allegat dannu soffert mill-atturi sehh b'kawza ta' negligenza da parti ta' l-istess atturi.

Ecceppiet ukoll illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni s-socjeta' konvenuta aggixxiet b'mod diligenti u ghalhekk m'hijiex responsabbli ghad-dannu allegatament soffrut mill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra x-xhieda ta' Jennifer Vella li spjegat illi fl-24 ta' Marzu, 2006 hi flimkien mar-ragel u z-zewgt itfal kienu marru ghal *weekend break*, fil-lukanda Westin, proprjeta' tas-socjeta' konvenuta. Kien tela' maghhom il-*porter* u kien spjegalhom kif kellhom juzaw is-*safe* li kienet jinstab fil-kamra taghhom. Ma kienx hemm spjegazzjoni ohra li kien hemm *safes* ohra ghar-residenti u ghalhekk ma kienux talbu ghal wiehed minnhom.

Tghid li kienu ddepozitaw go dan is-*safe*, xi gojjelli, *digital camera*, l-portmoni, xi *costume jewellery*, kif ukoll zewgt icrieket tad-deheb u djamanti.

Tghid li l-gurnata tal-Gimgha ddecidew li jmorru jaraw film, meta telqu bil-genn u hallew l-oggetti li

kien hemm gos-*safe*. Meta rritornaw sabu s-*safe* miftuh. Kienu llitikaw ghaliex ma kienx soltu li jitilqu daqshekk bil-genn

Tghid ukoll li dak il-hin ma vverifikawx jekk kienx hemm xi haga nieqsa minn dawn l-oggetti li kienu gew iddepozitati gewwa s-*safe* ghax lanqas ghaddielha minn mohha li setghu gew nieqsa u fil-fatt ghalqu s-*safe*. Kien biss l-ghada u cjoe' s-Sibt li ntebhu li kien hemm xi oggetti neqsin, fosthom zewgt icrieket tad-djamanti u cjoe', l-*engagement ring*, kif ukoll l-*eternity ring* ghaliex ma kienitx libsithom peress li ma dahlux f'subghajha. Tghid ukoll li kien hemm il-portmoni taghha mixhut ma' l-art.

Tispjega li ma kienitx ivverifikat jekk kienx hemm xi haga nieqsa mill-kamra taghhom ghaliex kellha fiducja fis-socjeta' konvenuta.

Wara li tkellmu mas-sur Bottone, kienu marru jaghmlu rapport l-ghassa u dana fuq parir tieghu.

Il-valur tac-crieket kien jammonta ghal tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt Euro cents (€3,494.06) - (Lm1,500) u dawn kienu *engagement ring* ta' karat li kien jiswa' madwar elfejn seba' mija u hamsa u disghin Euro u hamsa u ghoxrin Euro cents (€2,795.25) - (Lm1,200), kif ukoll l-*eternity ring* ta' (0.5) ta' karat li kien jiswa' madwar disa' mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin Euro cents (€931.75) - (Lm400).

Is-socjeta' konvenuta kienet tkellmet mac-*chamber maid*, kif ukoll mal-*bartender* tal-*frigo bar*. Ma kienux jafu jekk kienx tkellem ukoll mal-*porter* li kien tellaghhom fil-kamra.

L-attrici ssostni li s-socjeta' konvenuta ma kienitx infurmathom li jekk kienu ser jiddepozitaw l-oggetti dan kien qed isir a riskju taghhom u lanqas ma

kien hemm karta fil-kamra li kienet tispjega dwar ir-responsabbilta’ ta’ l-oggetti li jitqieghdu fis-*safe*.

Bhala kumpens ta’ l-*engagement ring*, il-*general manager* tal-lukanda, Mr Hans Cauchi kien offrielhom *weekend* b’xejn.

L-attur Marco Vella jikkonferma x-xhieda ta’ martu Jennifer Vella.

Ra x-xhieda ta’ Hans Cauchi li huwa l-*General Manager* tal-lukanda Westin Dragonara Resort. Jispjega li jiftakar li kien iltaqa’ ma’ l-atturi rigward allegat serq ta’ xi curkett, li setghu kienu tnejn u li dawn kienu ddepozitati fis-*safe* tal-lukanda meta nsterqu.

Jghid li bhala *safes* fil-lukanda kien hemm tlett tipi, dawk li jinfethu bl-*iswipe card*, jew bil-*credit card* jew li jinfethu b’*numerical code*.

Jikkonferma li l-unici mpjegati tal-lukanda li jidhlu fil-kamra huwa jew ic-*chamber maid,* jew il-*bar attendant* sabiex jimla’ l-*mini bar* jew xi hadd minn tal-*maintenance* jekk ikun hemm xi ilment f’dan is-sens. Jghid li dakinhar li sehh ir-rapport kienu tkellmu maghhom, waqt li kienu qed jaghmlu l-investigazzjonijiet.

Kien offra xi iljieli b’xejn fil-lukanda minhabba dak li kien gara, minkejja li jibqa’ jsostni li dan kollu huwa allegazzjoni ta’ l-atturi.

Jikkonferma li s-*security* ikollha r-*readings* tas-*safe*.

Jikkonferma wkoll li gurnata qabel ma sar l-allegat serq mill-kamra ta’ l-atturi kienet saret serqa wkoll.

Ra x-xhieda ta’ Ralph Buttone, li ghandu l-kariga ta’ *security manager* mas-socjeta’ attrici. Jispjega

illi wara li tkellem ma' l-atturi kien baghathom jaghmlu rapport u dan kien is-Sibt filghaxija.

Wara li jircievu r-rapport dan jintbaghat ghand il-*general manager* .

Jikkonferma li ma kienx hemm zgass u sabiex jinfetah dan is-*safe,* kien it-tip li kellu bzonn li jinfetah bil-*credit card*. U wara li s-*safe* jinghalaq bil-*credit card*, ma jistax jinfetah minn terza persuna permezz ta' uzu ta' *credit card* ohra.

Kien hemm zewg *stickers* fejn is-*safe*, u wahda minnhom kienet id-*disclaimer notice,* fejn tavza lir-residenti tal-lukanda sabiex jekk ghandhom xi dehebijiet jew oggetti prezzjuzi dawn ghandhom jitttiehdu d-dar.

Jispjega li s-*security* ikollu l-*master keys* sabiex jidhol fil-kamra, izda mir-*records* gie stabbilit illi dakinhar li sehh l-allegat serq ma dahal l-ebda *security personnel*.

Jikkonferma wkoll li l-gurnata ta' qabel kien hemm serqa wkoll.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

L-atturi marru ghal *weekend break* fil-lukanda Westin Dragonara. Dakinhar l-attrici hadet maghha fost ohrajn oggetti ta' valur, fosthom *engagement ring* u *eternity ring*, li flimkien jammontaw ghal valur ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt Euro cents (€3,494.06) - (Lm1,500).

L-atturi xehdu li ma kienux jafu li setghu jiddepozitaw l-oggetti ta' valur mar-*reception* fil-lukanda stess u dan minhabba li hadd ma kien infurmahom b'dan.

L-attrici tikkonferma li fil-fatt kienu ghamlu uzu mis-*safe* li kellhom fil-kamra u kienu ddepozitaw go fihom  dawn ic-crieket, flimkien ma’ xi portmoni u *camera* sakemm marru c-*cinema*.

Gie stabbilit li dan kien tip ta’ *safe* li jinfetah permezz ta’ *credit card* u li kien impossibbli li jinfetah minn terza persuna *b’credit card* ohra.

Meta rritornaw mic-cinema li kien il-Gimgha sabu dan is-*safe* miftuh, izda kien biss is-Sibt li rrizultalhom li kien hemm nieqsa dawn ic-crieket. Dan ifisser li kien bejn il-Gimgha u s-Sibt li kienu gew nieqsa dawn ic-crieket.

Is-socjeta’ konvenuta gabet provi ta’ min dahal u hareg minn din il-kamra fil-granet in kwistjoni, li fil-maggorparti huma jew l-alloggjant jew persuni impjegati fil-lukanda bhal *housekeeper*,  *frigo bar man*, kif ukoll, meta jkun il-kaz, xi hadd tal-*maintenance*.

Mill-provi migjuba mis-socjeta’ konvenuta jirrizulta illi kienu affrontaw lil dawn il-persuni u kollha kienu negaw li kienu raw jew sahansitra serqu dawn ic-crieket.

Interessanti huwa l-fatt li kien hemm serq il-gurnata ta’ qabel minn kamra fl-istess sular ta’ l-atturi.   Dan il-fatt gie kkonfermat mir-rapprezantanti tas-socjeta’ konvenuta.

Dan l-incident *per se*, jtendi jindika ghall-probabbilta’ hija li kien hemm xi att volontarju ta’ serq minn xi hadd li kien impjegat mal-lukanda. Pero’, hemm diversi aspetti ohra li jridu jigu ttrattati - primarjament, jekk il-lukanda stess ezentatx ruhha  minn kwalsiasi responsabbilta’ permezz tan-nota li kien hemm imwahhla mas-*safe*, li l-atturi jichdu li qatt rawha – Dokument RB1.

Dan id-dokument jinforma lill-alloggjanti li jekk huma jiddeciedu li jiddepozitaw l-oggetti ta' valur fis-*safe* u mhux fis-*safety deposit boxes*, li hemm appozitament fil-*front desk*, dan ikun qed isir a riskju tar-resident stess u li bl-ebda mod m'ghandha tigi ritenuta responsabbli l-lukanda.

Il-ligi precizament fl-Artikolu 1039 tal-Kodici Civili tikkontempla safejn ghandu jigi ritenut responsabbli l-lukandier u l-Artikolu 1039 (6) jispjega li kwalsiasi ftehim tacitu jew espress fuq ir-responsabbilta' tal-lukandier ghandu jigi ddikjarat null u bla ebda effett.

L-atturi ma jiftakrux li qatt raw din in-nota, Dokument RB1 u anki jekk huwa minnu jfisser li ghal-lukanda kien hemm dan il-ftehim tacitu bejnu u bejn l-alloggjant li m'ghandu l-ebda effett legalment.

Inoltre, l-Artikolu 1039 (5) jiccita li m'ghandux ikun hemm impozizzjoni ta' responsabbilta' da parti tal-lukandier jekk ikun hemm xi omissjoni jew negligenza da parti ta' l-alloggjant li jwassal ghat-telf.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta wkoll li l-attur ikkonferma mal-lukanda stess li dakinhar li kienu marru c-cinema kien halla l-*credit card* tieghu fuq il-komodina taht il-lampa – Dokument RB3 u li kien iddispjacih talli kien nesiha warajh.

It-Tribunal ihoss li din l-azzjoni per se kienet wahda ta' negligenza da parti ta' l-attur ghaliex jekk kien jaf li l-uniku mezz sabiex jinfetah is-*safe*, fejn kien hemm iddepozitati diversi oggetti ta' valur, qatt ma messu halliha warajh.  Din l-azzjoni tieghu m'ghandha l-ebda gustifikazzjoni.

Min-naha l-ohra, lanqas wiehed jippretendi li minhabba nuqqas da parti ta' l-alloggjant, wiehed

ghandu jiehu vantagg mis-sitwazzjoni u jisraq oggetti ta' valur mhux biss finanzjarju, izda wkoll sentimentali. Hija kumbinazzjoni wisq li l-gurnata ta' qabel kien hemm serqa ohra mil-lukanda u di piu' mill-istess sular. Xi hadd mill-impjegati li kienu dahlu fil-kamra 104, fejn kienu qed jalloggjaw l-atturi, ma kienx qed jghid il-verita'. L-atturi xehdu li meta gew lura mic-cinema kienu sabu s-*safe* miftuh u kienu ghalquh u kien biss l-ghada li vverifikaw u rrizultalhom li kienu nieqsa l-gojjelli ta' l-attrici.

Interessanti huwa l-fatt li fit-23 ta' Marzu, 2006 kien dahal certu Ian Portelli fil-kamra ta' l-atturi minhabba xi *maintenance* u dan kif jirrizulta mid-Dokument RB4 – *Locklink Transfer lock Events*, hadd mill-partijiet ma semma' li kien hemm xi problema u bzonn ta' *maintenance* u lanqas is-socjeta' konvenuta m'accennat ghalih meta baghtet ghall-impjegati taghha. Dan ihalli dubju fuq ir-responsabbilta' o meno tal-lukandier.

Ghalhekk, in vista ta' l-Artikolu 1039 (5) u tenut kont tac-cirkostanzi u provi migjuba quddiemu, dan it-Tribunal ihoss li r-responsabbilta' hija wahda kontributorja – l-atturi ghaliex iddepozitaw l-oggetti ta' valur taghhom gos-*safe* minflok iddepozitawhom go *safe deposit box* mal-*front desk* u sahanistra l-attur halla l-*credit card* warajh fil-kamra waqt li kienu assenti mill-istess.

Da parti tas-socjeta' konvenuta, jirrizulta li xi hadd kien ha vantagg tas-sitwazzjoni u l-probabbilta' hi li ha l-*credit card* sabiex fetah is-*safe*, ha li kellu jiehu u rega' poggiha fejn kienet. L-attrici tghid fil-fatt li kienet sabet il-portmoni ma' l-art, u dan ifisser li kien sar kollox malajr, sitwazzjoni tipika ta' serq.

Ukoll, apparti minn hekk, is-socjeta konvenuta naqset milli tinvestiga l-incident ma' l-impjegati kollha u u dak kif jirrizulta mid-Dokument fejn

hemm *recordings* ta’ min dahal u hareg mill-kamra fil-granet in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jiddikjara lill-partijiet ugwalment responsabbli ghat-telf soffert mill-atturi billi dawn ikkontribwew ghall-akkadut daqs is-socjeta’ konvenuta u li ghalhekk it-talba attrici ghandha tintlaqa’ in parte fis-sens li s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas lill-atturi s-somma ta’ elf seba’ mija u sebgha u erbghin Euro u tlett Euro cents (€1,747.03) - (Lm750) nofs il-valur tal-gojjelli li gew misruqa mil-lukanda Westin fejn kienu qed jalloggjaw l-atturi u li qed tigi kkundannata thallas lill-atturi.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-partijiet nofs kull wiehed.**”**

L-appell devolut lil din il-Qorti mis-socjeta` konvenuta jikkontjeni kontestazzjoni dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal u l-interpretazzjoni minn dan tad-disposizzjoni tal-ligi ghall-fatti accertati;

In essenza, il-fatti li wasslu ghat-tehid tal-proceduri mill-atturi fil-konfront tas-socjeta` konvenuta kienu dawn. Huma jghidu li marru ghal “*weekend break*” fil-lukanda Westin Dragonara u fil-kors ta’ l-alloggjar taghhom gew derubati minn zewg crieket tad-djamanti li, skond huma, kienu minnhom depozitati fis-“*safe”* tal-kamra. Is-socjeta` konvenuta tiddefendi ruhha kontra din l-allegazzjoni u l-konsegwenti pretensjoni ta’ l-atturi ghar-rizarciment tad-danni billi tikkontendi li hi ma kienetx fi htija;

Ghat-Tribunal, il-validita` tal-pretensjoni ta’ l-atturi appellati kienet tistrieh fuq dawn il-fatti:-

(1) Il-Gimgha (25 ta’ Marzu, 2006) l-atturi marru c-cinema flimkien mat-tfal u meta rritornaw lura sabu s-*safe*

miftuh. Kien pero` l-ghada li skoprew li kienu naqsu c-crieket. Skond it-Tribunal “dan ifisser li kien bejn il-Gimgha u s-Sibt li kienu gew nieqsa dawn ic-crieket”;

(2) Fit-23 ta’ Marzu, 2006 kien dahal certu Ian Portelli fil-kamra ta’ l-atturi minhabba xi *maintenance* izda dwar dan hadd mill-kontendenti ma semma’ li kien hemm xi problema u bzonn ta’ *maintenance*. Dejjem fil-perspettiva tat-Tribunal, “dan ihalli dubju fuq ir-responsabilita` o meno tal-lukandier”;

(3) Jezisti l-fatt li kien hemm serq il-gurnata ta’ qabel minn kamra fl-istess sular fejn kienu alloggjati l-atturi. Fil-fehma tat-Tribunal, dan l-incident hu indikattiv ta’ dik il-probabilita` li kien hemm xi att volontarju ta’ serq minn xi hadd li kien impjegat mal-lukanda;

(4) L-attrici tghid li hi sabet l-portmoni, li suppost kien ukoll fis-*safe*, ma’ l-art. Anke hawn, ghat-Tribunal dan kien ifisser “li kien sar kollox malajr, sitwazzjoni tipika ta’ serq”;

Din il-Qorti tistqarr illi ma tistax taqbel mal-konkluzjoni li gie ghaliha t-Tribunal fis-sens illi l-istanza ta’ l-atturi ma setghetx, in bazi ghall-fatti ezaminati, titqies fondata. Anzi, tista’ tghid illi, fil-maggjor parti, il-premessi fattwali li jaghmel it-Tribunal huma zbaljati u imprecizi u dan wassal biex l-istess Tribunal ghamel diversi spekulazzjonijiet azzardati li ma kellhomx isiru. Hu l-lok, allura, li din il-Qorti taghmel dawn ir-riljevi in mertu ghas-senjalazzjonijiet tal-fatti esposti rizultanti mis-sentenza appellata:

(1) *Ex admissis*, l-attrici appellata tiddikjara in kontro-ezami (fol. 39) illi meta ftehet is-*safe* is-Sibt fil-ghodu biex tipprova tilbes ic-crieket dawn kienu ghadhom hemm. Dan il-fatt jirrendi ghal kollox superfluwu l-kumment tat-Tribunal illi c-crieket gew nieqsa bejn il-Gimgha u s-Sibt;

(2) Similment hi hekk ukoll spekulattiva l-osservazzjoni tat-Tribunal tad-dubju insort fih ghal fatt li

skond id-dokument RB4 (Locklink transfer lock events, fol. 28 *et sequitur*) kien sar xi *maintenance* fil-kamra fit-23 ta' Marzu, 2006. Evidentement, it-Tribunal hawn jitlef di vista illi l-allegat serq sehh s-Sibt 25 ta' Marzu, 2006, u mhux fil-jum meta jinghad li sar dak il-*maintenance*;

(3) Riferibilment ghall-incident ta' serq minn kamra ohra fl-istess pjan, opportunament irid jinghad illi kull ma jirrizulta dwaru mill-provi hu li saret l-allegazzjoni, li din ma kienetx konsimili ghal dik ta' l-atturi, u li l-klijenti talbu li tinghatalhom ittra mil-lukanda ghal skop ta' assikurazzjoni. Bir-rispett dovut, dan l-incident *per se* ma kellux, fil-hsieb tal-Qorti, jitrasmoda fil-krejazzjoni tal-kongettura illi, wisq probabbli, kien hemm donnu pjan ta' atti volontarji ta' serq minn xi hadd mill-impjegati tal-lukanda;

(4) Minn ebda element ta' prova ma jirrizulta, imbaghad, illi l-portmoni nstab mixhut ma' l-art. L-attrici Jennifer Vella fix-xhieda principali taghha a fol. 12 tiddikjara illi meta fethet is-*safe* is-Sibt filghaxija l-portmoni kien ghadu hemm ghalkemm miftuh. In kontro-ezami, imbaghad, l-istess attrici tistqarr illi "barra c-crieket ma sibna xejn aktar nieqes mis-*safe*" (fol. 40). Dan jinduci lill-Qorti tiskarta ghal kollox il-kumment tat-Tribunal ta' xi sitwazzjoni tipika ta' serq hekk bazata fuq konstatazzjoni fattwali inezatta. Anke din, bhal fil-kazijiet l-ohra senjalati, iddghajjef il-konsiderandi tat-Tribunal;

Maghmula dawn ir-riljevi, ir-riflessjoni li titnissel mill-konsiderazzjoni tal-fatti kompleti tal-kaz hi dik li minnhom kellu jigi stabbilit, bhala element necessarju biex jikkonkreta obbligu ghar-rizarciment, ir-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u, l-aktar, dak tar-rapport ta' kawza u effett bejn l-allegat att illecitu, rapprezentat minn dik l-asserzjoni ta' l-atturi tas-serq tac-crieket, u l-event tad-dannu, rapprezentat mit-telf ekonomiku taghhom;

Ir-responsabilita` relattiva tal-lukandier hi, fil-ligi taghna, dixxiplinata mill-Artikolu 1039 tal-Kodici Civili. Din id-

disposizzjoni taghmel id-distinzjoni bejn dawk l-oggetti li l-klijent igib fil-lukanda u jzomm taht il-poter tieghu u dawk l-oggetti ta' valur li hu jaffida lil-lukandier ghal kustodja taghhom minn dan. Naturalment, l-alloggjant ma hu kostrett minn ebda obbligu li jaffida l-oggetti ta' valur lil-lukandier. Jekk, pero`, hu ma japprofittax ruhu f'dan is-sens jinkorri fir-riskju li ma jkunx jista' jottjeni r-rizarciment shih fil-kaz ta' hsara, telf jew distruzzjoni ta' l-oggett. Dan salv, s'intendi, il-kaz fejn l-alloggjant ikun irnexxielu jipprova l-kolpa fil-lukandier skond id-dispost tas-subparagrafu (c) tas-subinciz (2) tal-precitat artikolu;

Affermati dawn ir-riljevi ta' dritt, l-argomenti bazici ta' l-atturi appellati ghas-sostenn tas-sentenza impunjata mis-socjeta` konvenuta huma s-segwenti:-

(1) Meta huma hallew l-oggett taghhom fis-*safe* tal-kamra dan ghandu jitqies daqs li kieku ddepozitaw l-oggetti mal-lukandier;

(2) La gie stabbilit li l-oggetti gew nieqsa mis-*safe* tal-kamra, allura jsegwi li dawn ittiehdu minn xi wiehed mill-impjegati li dahlu fil-kamra u ghalhekk il-lukanda ghandha tirrispondi a tenur ta' l-Artikolu 1039 (2) (c) succitat;

Ghal din il-Qorti dawn l-argumenti ma humiex accettabbli in virtu tal-konsiderazzjonijiet li gejjin:-

(1) Jinsab provvdut fl-Artikolou 1893 (1) tal-Kodici Civili illi "d-depozitu hu perfett biss bil-kunsinna tal-haga lid-depozitarju". Fil-kaz prezenti dan id-depozitu hu eskluz ghaliex l-oggetti qatt ma ghaddew bit-*traditio* taghhom ghand is-socjeta` konvenuta. Jinghad, imbaghad, mill-**Franzoni** ("**Le Obbligazioni**", Ed. Utet, 2004 pagna 921) illi "*la responsabilita` per le cose portate in albergo è una responsabilita` speciale, che prescinde dalla consegna delle cose medesime, sulla quale l'albergatore non ha alcun potere di controllo ... La fonte di tale responsabilita` non va dunque ricercata nel rapporto di deposito. Si è*

*ritenuto in dottrina che essa vada identificata nel contratto di albergo ed in particolare nell'inadempimento dell' obbligazione accessoria di salvaguardia dei beni dei clienti, che si affianca, quale applicazione del principio di buona fede, alla prestazione principale del debitore*";

(2) Il-fatti jistabilixxu illi s-*safe* fil-kamra seta' jinfetah bil-mezz tal-*credit card* tal-klijent. Ara deposizzjoni ta' Ralph Buttone, *security manager* mas-socjeta` konvenuta, fol. 25. Huwa minnu li, kif jissokta jghid dan ix-xhud, is-*safe* seta' jinfetah ukoll permezz ta' *master key* fil-pussess tas-*security*. B'daqshekk pero` ma jifsserx illi s-socjeta` konvenuta assumiet ir-responsabilita` tad-depozitarju ta' hwejjeg l-atturi ghaliex dawk l-oggetti baqghu fil-pussess esklussiv ta' l-istess atturi;

(3) Wisq ragonevolment, l-eskluzjoni tal-kuntratt tad-depozitu, ma teskludix ukoll illi, in tema ghal dak espress mit-trattista Franzoni, ir-responsabilita` tal-lukandier ma tistax tigi ricerkata mill-konsiderazzjonijiet li johorgu mill-kwazi kuntratt bejn il-klijent u l-lukandier taht il-Kodici Civili. Hekk allura, ukoll "f'kull kaz li fih il-hsara fil-proprjeta`, jew id-distruzzjoni jew telf taghha tkun giet kagunata, volontarjament jew minhabba negligenza jew nuqqas ta' sengha, anke fi grad zghir hafna, minnu, jew minn persuna fl-impjieg tieghu jew minn xi persuna li huwa jkun responsabbli ghall-ghemil taghha" [Artikolu 1039 (2) (c)];

(4) Jinzel minn dan illi l-atturi kellhom jipprovaw li t-telf minnhom allegatament soffert kien jinsab f'rapport kawzali ta' xi att jew omissjoni da parti tas-socjeta` konvenuta. Ta' min jissottolineja hawnhekk, anke b'risposta ghal certa osservazzjoni tas-socjeta` appellanti, illi l-ottemperanza minnha ta' certa kondotta diligenti ma tiskansahiex mir-responsabilita` jekk dik il-prova ta' l-atturi tinstab li giet adegwatament sodisfatta. Dik il-liberatorja taghha taghmilha biss il-prova ta' xi wahda mill-kazi ta' ezoneru elenkati fis-subinciz (5) ta' l-artikolu 1039. Dan sija fir-rigward ta' l-oggetti li l-alloggjant ikun gab fil-lukanda (subinciz 1) sija fil-kaz ta' responsabilita` illimitata (subinciz 2);

(5) *Inter alia* fost il-kazijiet ta’ ezoneru taht is-subinciz (5) insibu annoverat il-kaz fejn il-hsara fil-proprjeta, id-distruzzjoni jew it-telf tkun minhabba “att jew ommissjoni ta’ l-alloggjant li jkun giebha fil-lukanda ...” [subpara. (c)]. Issa mid-dokument RB3, fol. 36, taht ir-ras “General Incident Report” jinghad dan: “*guest added that he left his credit card under the lampshade on the bedside table feeling very guilty about it*”. Din id-dikjarazzoni ma giet fl-ebda mument zmentita mill-atturi;

(6) *Dato ma non concesso*, illi tabilhaqq ic-crieket in kwestjoni gew derubati, kif allegat mill-appellati, tghodd bosta ghal fattispeci r-riflessjoni tal-Qorti ta’ l-Appell kolleggjali fid-decizjoni taghha tas-6 ta’ Ottubru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet “**Alfred Schembri *nomine* -vs- Tigne Development Co Ltd *proprio et nomine***”:-

“... kienet in-negligenza grossolana ta’ l-attur li rrendiet possibbli, aktar milli ffacilitat, is-serqa ghat-telf minnu reklamat. Dan ferm aktar minn xi nuqqas jew leggerezza da parti ta’ xi impjegat tas-socjeta` appellata. Kienet din in-negligenza li indubbjament kienet il-kawza prossima u immedjata ta’ l-akkadut u li kienet tixhed in-non kuranza assoluta ta’ l-appellant proprju fil-kustodja ta’ hwejgu”. Dik il-Qorti kompliet tirrileva illi l-pretensjoni ta’ l-alloggjant ta’ xi imputabilita` fil-lukanda jew fl-impjegati taghha kellha mhux biss titqies insostenibbli, avut rigward tal-fatt illi b’mod mill-aktar traskurat halla c-cavetta tas-*safety box* fil-kamra, izda wkoll inawdita, avut qies li l-kawza prossima u immedjata ta’ l-akkadut kien dak in-nuqqas tieghu. Certament, issokta jigi ritenut, illi l-alloggjant ma setax jirrikava xi vantagg mit-turpitudni tieghu stess jew minn dak l-istess nuqqas tieghu;

(7) Din il-Qorti, kif presjeduta, pjenament tikkondividi dawn ir-riflessjonijiet tal-Qorti Superjuri u taghmilhom, *mutatis mutandis,* applikabbli ghall-fattezzi rizultanti mill-atti istruttorji f’dan il-kaz. Isegwi, ghaldaqstant, illi l-Qorti jkollha twarrab is-sentenza appellata in kwantu tiddefetta kemm minn konsiderazzjonijiet sew ta’ fatt, kif ukoll ta’ dritt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar ghal kollox is-sentenza appellata u b'hekk tichad it-talba ta' l-atturi appellati kontenuta fl-Avviz. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-istess atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------